MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 303/2010

**Allcare Insurance Agency Limited (C8180)**

**Vs**
**Maria Carmela Delia f'isimha proprju kif ukoll bhala rapprezentanti legali ta' wliedha minuri Christian u Julia Delia; u**
**Jordan Delia**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-24 t'Awissu 2010, permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom ihallsuha s-somma ta' disat elef u tmintax-il Euro u tlett centezmi (€9018.03) bl-imghaxijiet bir-rata ta' ghaxra u kwart (imghax fuq debitu bejn zewg entitajiet kummercjali) fil-mija (10.25%) fis-sena mil-lum sal-hlas finali.

Din is-somma hija dovuta bhala rifuzjoni ta’ *premiums* illi Joseph Delia, karta tal-identita’ numru 230059(M), illum mejjet, kien gabar minghand diversi klijenti fil-vesti tieghu ta’ Insurance Intermediary mas-socjeta’ mittenti, w li huwa qatt ma ghadda, kif kien obbligat, lill-istess socjeta.

Maria Carmela Delia tinsab citata bhala kopartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti bejnha u l-mejjet Joseph Delia, filwaqt illi l-intimati Jordan, Christian u Julia ahwa Delia huma citati bhala eredi tal-istess Joseph Delia, ghas-sehem spettanti lilhom.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra ufficcjali ai termini ta’ l-artikolu 166A minnhom ikkontestata, tal-24 ta’ Gunju 2010 kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru numru 2914/2010 kontra taghhom ilkoll ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuti pprezentata fl-atti nhar l-10 ta’ Novembru 2010 waqt is-seduta, fejn ilkoll *in solidum* ammettew it-talbiet tas-socjeta’ attrici.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici w tikkundanna lill-konvenuti sabiex *in solidum* bejniethom ihalssu lis-socjeta’ attrici s-somma reklamata fir-rikors promotur fl-ammont ta’ disat elef u tmintax-il Euro u tlett centezmi (€9,018.03).**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali datata 24 ta’ Gunju 2010 u tal-mandat ta’ sekwestru 2914/2010 u bl-imghax kif mitlub fir-rikors promotur kontra l-konvenuti *in solidum*.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------